# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 593/2015/VG**

**Charles u Victoria GLYNN**

**Vs**

**Karl u Iana BLUNDELL**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' tlett mija tnejn u hamsin euro u tnejn u tmenin centezmi ta' euro [€352.82c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-attur kien jikri l-fond 22B, Triq il-Pitkali, Marsa lill-imsemmi Karl Blundell sa minn Jannar, 2013.
>
> Illi din il-kirja kienet itterminata fit-28 ta' Frar 2015, meta l-intimat irritorna c-cavetta lill-attur.

Illi l-attur kien jikri dan il-fond lill-konvenut versu l-prezz ta' hames euro (€5) kuljum u l-konvenut, bi ftehim, kien ihallas is-servizz tad-dawl u l-ilma li kien jikkonsma.

Illi l-konvenut ghadu sal-lum, ma hallasx il-pagament tal-kera mill-1 ta' Jannar 2015 sat-28 ta' Frar 2015 li bil-hames euro (€5) kuljum jammontaw ghal mitejn u hamsa u disghin euro (€295).

Illi l-konvenut naqas ukoll milli jhallas il-kont tad-dawl u ilma li ammonta ghal sebgha u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€57.82).

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€352.82).

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-1 ta' Jannar, 2015".

Ra li l-intimati gew debitament notifikati fit-12 ta' Awwissu, 2015 u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti.

Ra li Dr. Yanika Bugeja ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhomx provi aktar xi jresqu u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu il-hlas, minghand l-intimati tas-somma ta’ tlett mija tnejn u hamsin euro u tnejn u tmenin centezmi ta’ euro [€352.82c] rapprezentanti kera tal-fond 22B, Triq il-Pitkali, Marsa u konsum tad-dawl u ilma. L-ammont ta’ €352.82c huma maqsum in kwantu ghal ammont ta’ €295 rapprezentanti kera bir-rata ta’ €5 ghal kull gurnata mill-1 ta’ Jannar 2015 sat-28 ta’ Frar 2015 u in kwantu ghar-rimanenti €57.82 bhala arretrati u konsum tad-dawl u l-ilma.

   Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu li l-intimati ma baqghux jirrisjedu fil-fond 22B, Triq il-Pitkali, Marsa sa mit-28 ta’ Frar, 2015 u dak-in-nhar l-intimat irritornalu c-cavetta. Qal li huwa fadallu jigbor kera minghand l-intimati ghal perjodu ta’ l-1 ta’ Jannar, 2015 sat-28 ta’ Frar, 2015 bl-ammont ta’ €5 ghal kull gurnata. Qal ukoll li huwa hallas l-ammont ta’ €57.82c ghal konsum tad-dawl u l-ilma tal-fond in kwistjoni.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati gew debitament notifikati fit-12 ta' Awwissu, 2015 u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghhom u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija tnejn u hamsin euro u tnejn u tmenin centezmi ta' euro [€352.82c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**